MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 1171/2002/1

**Allied Insurance Agency Limited bhala agenti ghas-socjeta` assiguratrici Middlesea Insurance plc u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Raymond Gauci**

**vs**

**Evellina Borg Grech**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' April, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

L-avviz tat-talba li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm322), rapprezentanti d-danni li sofra l-assigurat taghha meta l-konvenuta li kienet qeghda ssuq il-karrozza bin-

numru EBB 436 u propjeta ta’ Lorenzo Grech, baqghet diehla fil-vettura bin-numru FAH 986 propjeta tal-assigurat tas-socjeta attrici, liema vettura kienet ipparkjata fil-Mellieha.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha:

1. Iddikjarat li l-avviz huwa null peress li ma jikkontjeni l-ebda talba.

2. Ikkontestat ir-responsabbilta peress li hija ma kienet involuta fl-ebda incident tat-traffiku.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:

1. Fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni huwa maghruf li l-proceduri quddiem dan it-Tribunal huma ta’ natura nformali u zgur li m’hemmx lok li wiehed joqghod jintilef f’hafna formalitajiet zejda. F’kull kaz l-avviz tat-talba huwa cjar u fih talba *ad hoc*, igifieri sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm322) danni kkagunati f’incident tat-traffiku li ghalih hija *“unikament responsabbli l-konvenuta stante li l-manuvra taghha kienet wahda negligenti u traskurata meta naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma tolqotx il-vettura li kienet ipparkjata warajha”* [fol. 2]. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qeghda tigi michuda.

2. Il-fatti tal-kaz huma semplici hafna:-

(a) Il-vettura tal-assigurat tas-socjeta attrici kienet ipparkjata fi Triq il-Plejju, Mellieha u giet milquta minn vettura ohra. L-assigurat tas-socjeta attrici xehed li huwa kien ra Land Rover ta’ lewn ahdar *“ipparkjata parti quddiem il-garaxx tad-dar tieghi. Kien ghalhekk illi jiena*

*dakinhar ma stajtx nipparkja l-karrozza tieghi fil-garaxx”* [fol. 29]. Din il-vettura kienet ipparkjata quddiem il-vettura tieghu [fol. 35].

(b) Ma kien ‘l hemm xhud okulari ghal dan l-incident.

(c) Fil-gurnata meta saret il-hsara fuq il-vettura ta’ Raymond Gauci, il-konvenuta kienet ipparkjat il-vettura taghha [Land Rover bin-numru EBB 436] f’dik l-istess triq.

(d) Raymond Gauci wasal biex identifika l-vettura tal-konvenuta wara li kien staqsa lil xi hbieb tieghu fejn kienu jinstaqu l-vetturi fuq it-tafal, u dan peress li kien jiftakar li l-Land Rover li kienet ipparkjata quddiem il-garaxx kellha t-tajn. Meta avvicina lill-konvenuta din cahdet kull involviment fil-kaz.

(e) Il-konvenuta kkonfermat li dakinhar ta’ l-incident hija kienet marret ghand il-hairdresser *“magemb id-dar fejn joqghod Raymond Gauci”*.

(f) Il-familja tal-konvenuta ghandhom Land Rovers u wahda minnhom ghandha kulur ahdar. Hija kkonfermat ukoll li taf *“li kien hemm okkazjoni li kont ipparkjajt il-Land Rover il-hadra quddiem il-hairdresser Karen”* (fol. 38).

3. Fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad:- *“From the police investigations carried out it resulted that when the vehicles were put together <u>it looks that same matches</u>”* [fol. 20]. Iktar ‘il quddiem naqraw *“The damage of Car no FAH 986 matches with the rear tow bar of vehicle number EBB 436”*. It-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu jistrieh fuq dak li kkonstata l-ufficjal tal-pulizija, iktar u iktar meta l-verzjoni moghtija mill-konvenuta meta xehdet quddiem it-Tribunal ma taqbilx ghal kollox mal-verzjoni li tat lill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz. Filwaqt li xehdet li fl-ebda hin ma kienet irriversjat biex harget mill-*parking*, fl-okkorrenza naqraw li *“she stated that she reversed to go out from its parking place”*.

4. Fir-rigward tad-danni dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm322) bhala danni li gew ikkagunati fuq il-vettura bin-numru FAH 986, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenuta."

Il-konvenuta appellat minn din id-decizjoni bl-aggravju li sintetikament jikkontjeni obbjezzjoni kontra l-mod kif it-Tribunal apprezza l-fatti relattivi ghall-incident. Hi tissottometti bi kritika illi t-Tribunal naqas li jiddeciedi b'ekwita` ghax, filwaqt li skarta l-versjoni 'viva voce' taghha, strah fuq ir-Road Accident Report li l-awtur tieghu PS 696 Carmel Cauchi naqas milli jixhed u jikkonferma l-kontenut tieghu. Marginalment ukoll tobbjetta illi gjaladarba l-avviz ma kien jikkontjeni l-ebda talba dan messu gie dikjarat li kien null kif minnha mitlub permezz tal-ewwel eccezzjoni.

L-atturi appellati jirrinfaccjaw lill-appellanti bl-inammissibilita` ta' l-appell. Dan bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 380.

Dan l-artikolu infatti jipprovdi li jista' jsir appell minn decizjoni tat-Tribunal fl-erba' kazijiet biss hemm kontemplati. Li jfisser allura li l-ligi stess kienet teskludi appell lil din il-Qorti fuq apprezzament ta' fatt in kwantu dan mhux annoverat fost dawk ic-cirkostanzi li fihom kien permissibbli appell mis-sentenza tat-Tribunal.

Effettivament is-sentenza appellata llimitat ruhha biex tirriproduci l-fatti tal-kaz fil-qosor u fuq dawn il-fatti sar il-gudizzju tat-Tribunal. Gudizzju dan li fil-fehma ta' din il-Qorti hu ben indirizzat, anke ghaliex hu nieqes minn vizzji logici serji. Dan anke ghaliex bl-adoperar tal-ekwita` t-Tribunal deherlu li l-atturi fornew elementi probatorji sufficcjenti ghal fini tal-prova tar-responsabilita`.

Issa l-uniku accenn li taghmel l-appellanti li t-Tribunal agixxa b'mod gravi kontra l-principji ta' l-ekwita` kien marbut mal-osservazzjoni taghha illi t-Tribunal akkorda aktar piz lir-rapport tas-surgent li nvestiga l-kaz milli lill-verzjoni taghha. Hi tillanja illi dan ma kellux isir gjaladarba dan l-istess surgent ma giex prodott biex jixhed.

Ilment konsimili kien gja gie sollevat drabi ohra. Hekk per ezempju fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Camilleri –vs- Leone Pillow**", 7 ta' Ottubru 1997, dik il-Qorti kienet hemm irriteniet illi "l-konferma bil-gurament mhiex rekwizit sine qua non ghall-ammissibilita` bhala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti ghandha tkun libera li taccettahom u li taghmel l-inferenzi li legittimament hu konsentit li taghmel". Dan b'referenza ghall-iskizz u r-rapport tas-Surgent li jkun investiga l-kaz u li bhala recorder tar-'res gestae' kien fid-dover tieghu, bhala parti mill-investigazzjoni, li jaghmel.

Dan premess, il-fatt li t-Tribunal ghazel li jadotta bhala attendibbli l-fatti rekordjati fir-rapport tas-surgent bl-ebda mod ma jfisser li b'daqshekk it-Tribunal mar kontra d-dettami tal-ekwita`. Ifisser biss li fl-apprezzament tieghu t-Tribunal ikkonvinca ruhu li l-versjoni l-aktar kredibbli kienet dik rakkontata 'a tempo vergine' mill-appellanti lis-surgent li nvestiga l-kaz.

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tarax kif tista' l-appellanti tadduci r-raguni tan-nuqqas tal-harsien tal-principji ta' l-ekwita` bhala motiv biex tinficja d-decizjoni appellata. Anke f'dan il-kaz, kif sostenut fis-sentenza fl-ismijiet "**Oscar Gatt –vs- Silvio Brincat**", Appell, 12 ta' Jannar 2001, "it-Tribunal infatti m'ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita` u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali kif johordu mill-provi." Taht dan l-aspett allura l-appell hu mproponibbli.

Kwantu ghall-aggravju l-iehor ta' indoli procedurali t-Tribunal sewwa iddecieda illi hawn si tratta ta' procedura

sommarja bi kriterji kemm xejn differenti minn dawk previsti mil-ligi u adoperati fil-Qrati ordinarji. Hu fil-fatt manifest mill-Att V ta' l-1995 illi f'kazijiet ta' talbiet zghar quddiem tribunal specjali mahluq ad hoc it-Tribunal jimxi bl-anqas formalizmu possibbli. Ara f'dan l-istess sens sentenza fl-simijiet "**Joseph Galea –vs- Sandra Vassallo**", Appell, 26 ta' Jannar 2001.

F'kull kaz mit-termini tal-Avviz ma jistax jinghad li t-talba hi wahda lakonika. Anzi, fil-fehma tal-Qorti, l-oggett u r-raguni tat-talba hu pjuttost car u sewwa konfigurat. L-aggravju fir-rigward huwa allura ghal kollox insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza tat-Tribunal konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------